**30 ta' Mejju, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.(Hist.)S.**

Dr. Robert Staines *et noe*

*versus*

Carmelo Ellul Sullivan *et noe et*

## Eċċezzjoni ta' l-Illeġittimita' tal-Persuna

*Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12) jirreferi espressament għall-eċċezzjonijiet b'mod ġenerali fil-kontenzjuż fl-artikolu 728 sa 732 u jiddistingwi bejn eċċezzjonijiet dilatorji u eċċezzjonijiet perentorji. Jiddisponi li dawk dilatorji għandhom jingħataw fil-bidu tad-difiża (artikolu 728), waqt li dawk perentorji jistgħu jingħataw f'kull waqt tal-kawża anke fi grad ta' appell. L-artikolu 730 issemmi ċerti tipi ta' eċċezzjonijiet fosthom dik ta' l-illeġittimita' ta' persuna biex jgħid li eċċezzjonijiet simili għandhom jiġu deċiżi b'kapi għalihom qabel jew flimkien mas-sentenza fil-meritu. Importanti li jiġi hawn rilevat li l-Kodiċi ma jgħidx ukoll li dawn it-tipi ta' eċċezzjonijiet huma dilatorji. Di fatti fosthom jissemmew l-eċċezzjonijiet ta' transazzjoni u preskrizzjoni li huma t-tnejn notarjament ta' xorta perentorja u mhux dilatorja. Aktar minn hekk ma jispeċifikax.*

*Il-Qrati tagħna dejjem irritenew l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimita' tal-persuna*

*bħal waħda perentorja.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell magħmul mill-atturi Dr. Robert Staines u Walter Camilleri *nomine* minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża fl-ismijiet premessi mogħtija fit-23 ta' April, 1993 fejn ġiet milqugħa l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti Abela u Lautier *nomine* u li biha l-konvenuti kollha ġew illiberati mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-atturi *nomine*;

B'ċitazzjoni, l-atturi *nomine* wara li ppremettew illi s-soċjeta' Nissan Motor Sales Ltd. importat mill-Ingilterra ħmistax-il karozza (15) Nissan Bluebird li waslu Malta fuq il-vapur Anselina Maglione kif jirriżulta mill-Polza tal-Kariku maħruġa minn Nissan Motor Car Carrier Co. Ltd. - Dok. A;

U illi meta l-vapur skarika l-karozzi f'idejn il-kontratturi tal-port is-soċjeta' konvenuta, The Cargo Handling Co. Ltd., mingħand min kellhom jiġu kkonsenjati l-imporatur, u meta dan bagħat *surveyor* tal-karozzi biex jeżaminahom, irriżulta li kien hemm nuqqasijiet u danni kif inhu elenkat fl-għaxar paġni tad-Dok. B;

Illi għal dan id-dannu u nuqqas is-soċjeta' attriċi ħallset l-assigurat tagħha s-somma ta' erbat elef tliet mija u sebgħin lira (Lm4,370.00,0) u għalhekk ġiet issurrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat;

Illi l-konvenuti *nomine* jew min minnhom, huma responsabbli għal din il-ħsara; talbu li l-konvenut *nomine*, jew min minnhom:

Jiġu ddikjarati responsabbli għan-nuqqas fuq indikat u

Jiġu kkundannati jħallsu 'ill-atturi *nomine* s-somma ta' Lm4,370, bl-interessi mid-data tal-pagament in linea ta' danni sofferti mill-importatur issurrogati lil-atturi *nomine* u bl-ispejjeż;

Fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet il-konvenuti Ellul Sullivan *nomine* eċċepew:

*Omissis*;

Fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom il-konvenuti Godwin Abela u Lawrence Lautier *nomine* eċċepew:

*Omissis*;

Illi b'nota l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti Godwin Abela u Lawrence Lautier *nomine* ppreżentata fit-13 ta' Ottubru, 1992 huma eċċepew:

Illi bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet ġa` ssollevati t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante l-eċċipjenti m'għandhom ebda relazzjoni ma' l-attur, stante li kif jirriżulta miċ-ċitazzjoni u okkju attriċi, s-soċjeta` Nissan Motor Sales Limited hemm ċitata, qatt ma ssurrogat lis-soċjeta` attriċi, kif jirriżulta mid-dok. (813.88) esebit a fol. 23 tal-proċess, fejn jirriżulta li l-ħlas u s-surroga saru minn Industrial Motors Limited għalhekk is-soċjeta` attriċi ma għandha ebda *locus standi*;

L-atturi petituri ħassew ruħhom aggravati b'din is-sentenza u għalhekk b'nota tat-30 ta' April, 1984 interponew appell quddiem

din il-Qorti ta' l-Appell;

Fis-sentenza tagħha l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ iddeċidit li l-atturi *nomine* ma għandhom l-ebda *locus standi in judicio* peress li l-konvenuti kellhom relazzjonijiet ġuridiċi ma' Nissan Motors Ltd. u li s-soċjeta' attriċi ma ġietx issurrogata fid-drittijiet ta' l-imsemmija soċjeta' imma mis-soċjeta' Industrial Motors Ltd.;

L-aggravju ta' l-appellanti *nomine* jikkonsisti filli l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ:

Ma kellhiex takkolji l-eċċezzjoni ulterjuri li tikkonċerna l-kwalita' li biha l-atturi ppreżentaw iċ-ċitazzjoni *in fini litis* meta eċċezzjoni ta' din in-natura, eċċezzjoni dilatorja, kellha tiġi ppreżentata *in limine*;

*Omissis*;

Jekk il-persuna li tħallset, la rċeviet il-flus, li ġiet ikkreditata fil-kotba tagħha, hija n-Nissan Motors mela hemm surroga legali minn għandha lill-persuna li għamlet il-ħlas, Formosa & Camilleri Ltd. rappreżentanti tal-Guardian Royal Exchange Plc., u l-atturi *nomine* huma verament issurrogati *ipso jure*, kif ġie stabbiliet fil-każ **Capitano Muscat *vs* Giuseppe Mizzi *et noe*** (Vol. XXVII - III- Pag. 495). Fiċ-ċirkostanzi ta' din in-natura, id-dokument G ma huwa xejn ħlief riċevuta li Elia Azzopardi, *manager* taż-żewġ soċjetajiet importatriċi ta' karozzi irċieva l-flus;

Għaldaqstant l-appellanti *nomine* talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza fit-30 ta' April, 1993;

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti *nomine* li jinsabu responsabbli għall-ħsara lill-karozzi importati;

In risposta l-appellati Abela u Lautier *nomine* wieġbu li:

Illi fil-meritu, is-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti ddatata 23 ta' April, 1993 hija ġusta u timmerita konferma, stante li fi kliem l-istess Onorabbli Qorti, il-konvenuti *nomine* m'għandhom ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta` attriċi u dan stante li mill-provi rriżulta li s-soċjeta` assikuratriċi ħallset lill-Industrial Motors Ltd. u ġiet issurrogata fid-drittijiet ta' l-istess soċjeta` "La ma sarx ħlas lis-soċjeta` Nissan Motors Sales Limited din ma setgħet tagħti ebda surroga, la kovenzjonalment u wisq anqas legalment favur is-soċjeta` attriċi". Mela kontrarjament għal dak li ġie premess fid-dikjarazzjoni ta' l-attur u fiċ-ċitazzjoni ma saret ebda surroga mis-soċjeta` importatriċi lis-soċjeta` attriċi;

Illi dwar il-punt dwar l-allegata d-dilatorjeta` ta' l-eċċezzjoni ta' l-esponenti *nomine* dwar in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika ta' l-attur *nomine*, jirreferi għall-kawżi **Mirabelli *vs* Gollcher** (Appell 14.3.1988), **Mirabelli *vs* Godwin Abela** (Appell 23.1.1989) u **Mirabelli *vs* England** (Appell 23.1.1989) li lkoll ittrattaw l-istess eċċezzjoni anke meta ġiet proposta l-ewwel darba fil-Qorti ta' l-Appell stante li hija eċċezzjoni fil-meritu. Dan apparti l-fatt li "l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimita` ta' persuna m'humiex dilatorji iżda perentorji" u hija opponibbli fi kwalunkwe stadju tal-ġudizzju, anke f'sekonda istanza u tista' tiġi ssollevata mill-Qorti u *ex officio* (Koll. Vol. XXIII.I);

Illi fil-meritu mill-provi jirriżulta li s-soċjeta` Nissan Motor Sales Limited (soċjeta` importatriċi u *holder* tal-polza ta' l-

assigurazzjoni) qatt ma tħallset u qatt ma' ssurrogat lis-soċjeta' attriċi. Fil-fatt f'Dok. G (Fol. 23) l-ħlas u s-surroga saru lill-Industrial Motors Limited, soċjeta' kummerċjali ben distinta mis-soċjeta' li dwarha hija mibnija ċ-ċitazzjoni attriċi;

*Omissis*;

Illi għalhekk l-appell ta' l-attur *nomine* għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tiegħu, bħala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u fil-waqt li jagħmel riferenza għall-provi miġbura quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti u għan-noti ta' l-osservazzjonijiet minnhom ippreżentati, jitlob umilment li s-sentenza tat-23 ta' April, 1993 fl-ismijiet premessi tiġi kkonfermata b'dan li jiġu milqugħa l-eċċezzjonijiet ta' Godwin Abela *nomine* u tillibera lill-esponenti mill-osservanza tal-ġudizzju. Bl-ispejjeż;

Ma jidhirx li l-konvenuti Carmelo Ellul Sullivan *nomine* u Lawrence Ellul Sullivan *nomine*, debitament innotifikati bil-petizzjoni ta' l-appell mill-atturi *nomine* wieġbu għall-istess appell;

Din il-Qorti, wara li rat u eżaminat l-atti kollha tal-kawża u semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell sejra issa tgħaddi għad-deliberazzjoni u deċiżjoni tagħha u dana wkoll wara li ordnat li jiġi inġunt il-komputista tas-soċjeta' appellanti li ġie mismugħ u wera lill-Qorti r-reġistri tas-soċjeta' appellanti li juru li din is-soċjeta' effettivament irċeviet il-pagament mingħand l-assikurat;

L-ewwel aggravju ta' l-attur appellant jolqot dak li ġie deċiż mill-ewwel Qorti dwar l-eċċezzjoni ulterjuri ssollevata mill-konvenuti Abela u Lautier *nomine* fit-13 ta' Ottubru, 1992 u ċjoe' jekk l-eċċezzjoni ta'l-illeġittimita' tal-persuna hijiex eċċezzjoni

dilatorja jew perentorja. In sostenn, l-appellant iċċita bran meħud minn opera legali ta' Sir Antonio Micallef - Procedura Civile, 1839, pag. 212. Ma jidhirx pero` li l-Qrati tagħna segwew dina l-opinjoni għaliex diversi huma d-deċiżjonijiet f'sens oppost u li xi wħud minnhom ġew anke ċitati mill-appellati Abela u Lautier *nomine* u anke mill-ewwel Qorti;

Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12) jirreferi espressament għall-eċċezzjonijiet b'mod ġenerali fil-kontenzjuż fl-artikoli 728 sa 732 u jiddistingwi bejn eċċezzjonijiet dilatorji u eċċezzjonijiet perentorji. Jiddisponi li dawk dilatorji għandhom jingħataw fil-bidu tad-difiża (artikolu 728), waqt li dawk perentorji jistgħu jingħataw f'kull waqt tal-kawża anke fi grad ta' appell. L-artikolu 730 isemmi ċerti tipi ta' eċċezzjonijiet fosthom dik ta' l-illeġittimita` ta' persuna biex jgħid li eċċezzjonijiet simili għandhom jiġu deċiżi b'kapi għalihom qabel jew flimkien mas-sentenza fil-meritu. Importanti li jiġi hawn irrilevat li l-Kodiċi ma jgħidx ukoll li dawn it-tipi ta' eċċezzjonijiet huma dilatorji. Di fatti fosthom jissemmew l-eċċezzjonijiet ta' transazzjoni u preskrizzjoni li huma t-tnejn notarjament ta' xorta perentorja u mhux dilatorja. Aktar minn hekk ma jispeċifikax;

Fl-*Enciclopedia Legale* kkompilata mill-Foramiti (Venezia, 1842 Vol. II), l-awtur jiddistingwi bejn tliet tipi ta' eċċezzjonijiet (op. cit. pag. 957): deklinatorji (per eżempju dawk dwar inkompetenza), dilatorji u perentorji. Dwar l-aħħar tnejn jikteb hekk:

> *"Eccezioni dilatorie sono quelle, le quali, senza escludere l'azione, tendano a differirne l'esercizio";*

Bħala eżempju jsemmi l-intempestivita` ta' l-azzjoni billi l-

kawża tkun għadha prematura. Interessanti l-aġġunta segwenti:

*"Questa sorte di eccezioni possono talvolta diventar perentorie, tale' l-eccezione colla quale il fedeiussore domanda la previa escussione del debitore principale, perciocche' se questi e' solvendo, il fideiussore rimane esonerato";*

B'xi mod huma ammessi każi fejn l-eċċezzjoni taqa' bejn iż-żewġ xorti. Mill-bqija pero' jidher li in kwantu l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimita' ixxejjen l-azzjoni kontra l-konvenut u tinċidi fuq il-meritu allura hija waħda perentorja. Dwarhom il-Foramiti jelabora hekk:

*"Eccezioni perentorie sono quelle che distruggono l'azione, tali sono: il pagamento gia' fatto di un debito che viene domandato; una transazione, una rinuncia, la prescrizione ecc., in virtu' delle quali il convenuto deve essere esonerato dalla domanda. Simili eccezioni anche secondo il diritto romano possono essere opposte in ogni stato di causa: Perentorias exceptiones emissas in initio, antequam sententiam feratur, opponi posse perpetuum edictum manifesto declarat. Quod si aliter actum fuerit, in integrum restitutio permittitur (2 Vide Cod. Sententiam rescindi non pose; 4 Cod De Exceptionibus)";*

Il-Qrati tagħna dejjem irritenew l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimita' tal-persuna bħala waħda perentorja. Fid-deċiżjoni **Grech *noe vs* Darmanin** mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fil-15 ta' Jannar, 1907 mill-Imħallef Parnis (Vol. XX.III.517) ġie rritenut:

*"Che, come e' stato ritenuto dalla Corte di Appello nella causa **Dr. Naudi vs Geoghegan** (30 Novembre, 1903) l'eccezione di*

*illegittimita' di persona non e' eccezione dilatoria, ma perentoria, opponibile in qualunque studio del giudizio anche in seconda istanza la quale pero' essere dalla Corte sollevata ex officio";*

Din id-deċiżjoni dejjem jidher li baqgħet segwita. Di fatti fil-kawża **Mirabelli *noe vs* Abela *et nomine*** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-23 ta' Jannar, 1989 il-kwistjoni ġiet imqanqla proprju fit-tieni istanza;

It-tieni aggravju jikkonċerna s-surroga. L-appellant jissottometti li s-surroga ta' l-atturi tirriżulta mill-fatt li s-soċjeta' assikuratriċi tassew ħallset lis-soċjeta' importatriċi Nissan Motors b'mod li hekk kellu jirriżulta minn dokumenti esebiti mill-atturi immedjatament wara li ġiet sottomessa l-eċċezzjoni ulterjuri. Li ġara hu li l-ewwel Qorti korrettement u mhux biss "apparentement" kif sottomess, ordnat l-isfilz ta' dawn id-dokumenti għaliex ma ntalabx permess mill-Qorti biex jiġu ppreżentati;

Wara li semgħet lill-partijiet, din il-Qorti dehirlha li fl-aqwa interess tal-ġustizzja l-appellanti *nomine* jitħallew iġibu l-prova dwar is-surroga u b'dan billi tramite l-*accountant* tas-soċjeta' li effettivament irċeviet il-flus jinġiebu r-reġistri u jew kotba relattivi li juru meta u lil min sar il-pagament min-naħa tas-soċjeta' assikuratriċi. Ix-xhieda mogħtija minn Antonio Micallef tagħti stampa ċara ta' dak li fil-fatt ġara. Waqt id-deposizzjoni tiegħu x-xhud wera lill-Qorti l-entrati relattivi għall-ħlas. Huwa spjega hekk:

"Jiena l-*accountant* ta' żewġ kumpanniji, jiġifieri, l-Industrial Motors Limited u Nissan Motor Sales Limited. Fir-reġistru tan-Nissan Motor Sales Limited qed nimmarka bl-aħmar fejn l-istess kumpannija rċeviet mingħand il-kumpannija assikuratriċi l-ammont

imsemmi fil-kawża ....";

Minbarra dan, l-istess xhud in kontro-eżami kompla jelabora hekk:

"Huwa minnu li c-*cheque* tal-pagament kien ħareġ f'isem l-Industrial Motors u r-raġuni kienet li, u dana nispjegah, aħna għandna żewġ soċjetajiet u nieħu ħsiebhom it-tnejn jiena u anke l-assikurazzjoni billi għandna ċertu taħwid fil-kontijiet ta' kumpannija fuq l-oħra ....";

Mis-suespost għalhekk jirriżulta li l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimita` tal-persuna, purche` ammissibbli, ma tirriżultax fondata għaliex si tratta ta' żball ġenwin min-naħa ta' l-atturi appellanti inkwantokke` l-pagament ġie indikat bħala wieħed riċevut minn kumpannija (Industrial Motors Ltd.) meta fil-fatt kellhu jiġi attribwit lill-Nissan Motors Limited. Billi dan l-iżball huwa imputabbli lill-appellanti *nomine*, l-appellati m'għandhomx ibatu spejjeż. Dan qiegħed ukoll jingħad għar-raġuni li l-proċeduri jkollhom jintbagħtu lura quddiem l-ewwel Qorti billi l-meritu, in vista ta' dak li ġie deċiż, ma ġiex ukoll iddeliberat u deċiż mill-ewwel Qorti;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi billi tilqa' l-appell ta'l-atturi *nomine* u għaldaqstant tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fit-23 ta' April, 1993 u tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem dik l-istess Qorti biex tiddeċidi fil-meritu, b'dan li l-kap ta' l-ispejjeż kwantu għall-ewwel istanza jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti, u kwantu għall-ispejjeż ta' dan l-appell ikunu a kariku unikament u interament

għall-atturi appellanti.